# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 245/2017 RM

## Miller Distributors Limited (C 344)

## vs

## David Lauri

**Illum, 9 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Awwissu 2017 fejn talbet illi l-konvenut David Lauri jigi kkundannat ihallasha l-ammont komplessiv ta' ghaxart elef mija u sitta u hamsin Euro u tlieta u tletin centemzu (€10,156.33), rapprezentanti bilanc fir-rigward ta' merkanzija konsenjata lilu fuq inkarigu tieghu stess, kif indikat fil-fattura annessa Dok. A u bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-invoice, kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament u kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-konvenut gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

Rat illi ghalkemm l-avukat tal-konvenut deher fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2018 kif ukoll fl-udjenza fit-23 ta' April 2018 u gharraf lill-Qorti li l-konvenut kien bi hsiebu jikkontesta t-talba attrici abbazi ta' dak dikjarat fl-imsemmija udjenza tal-21 ta' Marzu 2018, baqghet ma giet ipprezentata l-ebda risposta bl-eccezzjonijiet tal-konvenut, u l-istess konvenut baqa' qatt ma deher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta l-kawza;

Rat illi b'nota ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2019, is-socjeta` attrici rriduciet is-sorte minnha mitlub f'din il-kawza ghas-somma ta' tliet elef tmien mija u sbatax-il Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,817.23) wara li l-konvenut irritorna xi merkanzija lura lis-socjeta` attrici;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 is-socjeta` attrici ddikjarat tramite l-avukat taghha illi ma ghandhiex iktar provi xi tressaq;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019, gie dikjarat li l-istadju tal-provi huwa maghluq;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kolha esebiti;

Rat l-atti kollha;

[1] Vide fol. 13 *tergo*, fol.15, 16 u 18 tal-atti.

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' merkanzija li s-socjeta` attrici tghid li giet mibjugha u konsenjata lill-konvenut David Lauri. Ghalkemm il-konvenut wera l-hsieb li jikkontesta t-talba attrici fuq il-binarju li huwa mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza, din l-eccezzjoni baqghet qatt ma giet sollevata formalment u l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta fl-atti in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici minkejja li kien inghata mill-Qorti fl-udjenza tat-23 ta' April 2018, terminu sal-24 ta' Mejju 2018 ghal dan l-iskop. Barra minn hekk il-konvenut baqa' qatt ma ressaq ebda provi in kontestazzjoni tat-talba attrici ghalkemm huwa nghata opportunita` ampja li jaghmel dan.

Madanakollu, kif inhu risaput il-kontumacja tal-konvenut mhux talli ma jitqiesx bhala ammissjoni talli bil-kontumacja tieghu, il-konvenut ikun jitqies li qieghed jichad, tant illi l-attur jibqa' dejjem marbut anke fil-kontumacja tal-konvenut, illi jissodisfa l-oneru inkombenti fuqu biex iressaq provi sal-grad rikjest mil-ligi in sostenn tat-talbiet tieghu[2].

Ikkunsidrat;

In sostenn tat-talba taghha, is-socjeta` attrici ipproduciet *statement of account* datat 13 ta' April 2018[3] ta' invoices mahrugin fuq kont intestat lil:-

"Colours Stationery B'Kara
C/o J.L & Sons Limited
Mr. David Lauri"

[2] Ara in propositu: **Maltacom plc vs Alfred Briffa**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu 2001.
[3] Fol. 23 sa 25 tal-atti.

u dan bejn l-14 ta' Settembru 2016 u s-27 ta' Frar 2018. Dan l-i*statement of account* jindika wkoll diversi *credit notes* li gew akkreditati lil dan il-kont.

Il-Qorti tosserva li filwaqt illi ma gie esebit l-ebda *statement of account* li juri bilanc dovut fis-somma ta' €10,156.33 li hija dik pretiza fir-Rikors promotur, dan l-i*statement of account* li gie esebit huwa evidentement wiehed aggornat li jirreferi ghal perijodu sussegwenti ghall-intavolar ta' dan il-proceduri, tant illi l-bilanc dovut fuq l-imsemmi statement huwa fis-somma ta' €3,817.23 filwaqt illi s-somma pretiza mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur hija ta' €10,156.33.

Jirrizulta li dan it-tnaqqis huwa dovut lill-imsemmija *credit notes* mahrugin wara li giet ipprezentata din il-kawza, tant illi b'nota tal-10 ta' Jannar 2019 is-socjeta` attrici rridcuiet is-sorte mitlub fir-Rikors promotur, ghall-bilanc ta' €3,817.23.

Fir-rigward, is-socjeta` attrici ressqet bhala xhud lil Alan Schembri[4], *cash office co-ordinator*, li spjega illi David Lauri kien klijent tal-istess socjeta` attrici li kien jixtri prodotti ta' stationery. Ix-xhud qal illi ghalkemm il-konvenut ma baqax jopera n-negozju tieghu, kien fadal bilanc sostanzjali dovut lis-socjeta` attrici liema bilanc baqa' ma giex saldat. Spjega wkoll illi biex tghin lill-konvenut, is-socjeta` attrici accettat li tiehu lura xi merkanzija li kienet ghad*ha "in pristine condition*" biex din tista' terga' tinbiegh lil terzi, u din il-merkanzija kien gabhla lura l-konvenut stess bil-konsegwenza illi l-bilanc dovut naqas konsiderevolment. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-bilanc fis-somma ta' €3,817.23 ghadu dovut sal-lum.

Ikkunsidrat;

[4] Seduta tas-17 ta' Jannar 2019.

Illi minkejja illi l-konvenut ma kkontestax il-kawa effettivament, huwa ta x'jifhem permezz ta' dak sottomess u verbalizzat mill-avukat tieghu fl-atti tal-proceduri, illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur tad-domanda attrici. Ghalkemm din l-eccezzjoni ma gietx sollevata formalment, ghandu jinghad illi kif inhuwa risaput, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni attiva jew passiva necessarjament tistrieh fuq il-karenza ta' kull xorta ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut li jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Ghaldaqstant, ghall-fini tad-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni, l-indagni li trid taghmel il-Qorti m'hijiex biex tiddetermina jekk il-konvenut huwiex id-debitur tas-socjeta` attrici, liema decizjoni tappartjeni lill-mertu tal-kaz, izda biex tistabbilixxi jekk tezistix rapport guridiku li in bazi tieghu is-socjeta` attrici setghet tippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[5], il-Qorti qalet hekk:

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd*** *deciz fit-23 t'Ottubru 200914 intqal hekk:*

[5] Deciza fit-28 ta' Settembru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."* [6]

Wara li rat l-atti tal-proceduri odjerni, partikolarment l-i*statement of account* fuq imsemmi, il-Qorti hija tal-fehma li billi l-invoices tal-prodotti suppliti mis-socjeta` attrici, mertu ta' din il-kawza, jinsabu intestati kemm f'isem J.L & Sons Limited kif ukoll lil David Lauri minghajr indikazzjoni speficika dwar min miz-zewg persuni huwa d-debitur, ma jistax jinghad illi l-konvenut David Lauri ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici. Fil-fehma tal-Qorti, l-indikazzjoni ta' isem il-konvenut fuq l-*invoices* mahrugin fuq il-kont li n-negozju bl-isem "Colours Stationery B'Kara" ghandu mas-socjeta` attrici, huwa bizzejjed biex johloq rapport innegabbli bejn is-socjeta` attrici u l-istess konvenut. Din il-fehma hija msahha bil-fatt illi skont kif xehed Alan Schembri, il-konvenut innifsu irritorna xi merkanzija lis-socjeta` attrici anke fil-mori ta' dawn il-proceduri. Barra minn hekk ma jirrizulta minn imkien mill-atti illi l-konvenut kien qed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.L & Sons Limited li f'isimha wkoll jidher li jinsab intestat il-kont in kwistjoni.

Dan inissel relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta u ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha dritt iddur fuq il-konvenut David Lauri b'talba ghall-hlas. L-imsemmi konvenut huwa ghalhekk legittimu kontradittur tat-talba attrici f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-mertu, minkejja l-kontumacja tal-konvenut, ghandu jigi stabbilit jekk is-socjeta` attrici rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sodisfacjentement in

---

[6] Ilkoll citati mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fis-sentenza fl-ismijiet **MM Workshop Limited vs Dipartiment tal-Protezzjoni Civili et**, deciza fis-16 ta' Gunju 2017.

linea mal-oneru taghha li tressaq provi li jikkonvincu fuq bazi ta' probabbilita`. F'dan il-kaz is-socjeta` ghandha tipprova illi (i) l-ammont pretiz huwa dovut lilha u (ii) f'kaz affermattiv, illi dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut.

Kwantu ghall-ammont minnha pretiz, il-Qorti ftit ghandha diffikolta` biex tikkonkludi illi s-socjeta` attrici wriet sodisfacjentement illi l-ammont ta' €3,817.23 huwa dovut. Fir-rigward xehed Alan Schembri li kkonferma illi l-konvenut kien jixtri merkanzija fosthom ta' stationery ghan-negozju tieghu izda meta dan in-negozju nghalaq, kien baqa' bilanc mhux saldat li kien jeccedi s-somma ta' €10,000. Xehed ukoll illi s-socjeta` attrici accettat li tiehu lura xi merkanzija minghand il-konvenut sabiex il-bilanc dovut minnu jitnaqqas u illi effettivament i<u>l-konvenut innifsu</u> irritorna xi prodotti huwa stess u l-bilanc tnaqqas ghas-somma finali ta' €3,817.23. Dan il-bilanc jirrizulta li ghadu dovut lis-socjeta` attrici sal-lum u dan kif evidenzjat fl-i*statement of account* aggornat esebit a fol. 23 *et seq*. tal-atti.

Illi huwa minnu li l-kontumacja tfisser kontestazzjoni, pero' din il-Qorti f'dan il-kaz tqis li l-provi prodotti mis-socjeta` attrici konsistenti fix-xhieda ta' Alan Schembri u l-i*statement of account* b'elenku tal-invoices tal-merkanzija supplita u l-ammonti akkreditati lill-kont in kwistjoni, huma sufficjenti biex jissodisfaw il-grad ta' prova rikjesta. Dan ghaliex l-imsemmija provi, ankorke` kontestati in kontumacja, bl-ebda mod ma gew kontradetti mill-konvenut.

Kwantu mbaghad ghad-determinazzjoni jekk il-konvenut huwiex id-debitur tas-socjeta` attrici, cioe` jekk l-ammont huwiex dovut minnu, il-Qorti hija tal-fehma illi fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, jirrizulta sodisfacjentement mill-i*statement of account* esebit fl-atti illi l-invoices tal-merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici inhargu lil:- "C/o J.L & Sons Limited
Mr. David Lauri"

In vista ta' dan, u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, il-Qorti tifhem illi l-konvenut ghandu jitqies illi kkontratta flimkien mas-socjeta` J.L & Sons Limited ghall-pagament tal-invoices tal-merkanzija mibjugha ghan-negozju ta' Colours Staionery, u illi din hija obbligazzjoni indivizibbli a tenur tal-Artikolu 1111 tal-Kodici Civili[7], b'mod illi kull wiehed mid-debituri jitqies li huwa responsabbli ghall-hlas tal-obbligazzjoni shiha anke jekk din ma gietx ikkontrattata solidalment.

Fuq kollox izda, ghandu jinghad illi l-obbligazzjoni tal-pagament tal-invoices ghall-bejgh tal-prodotti suppliti mis-socjeta` attrici hija bla dubju obbligazzjoni ta' natura kummercjali[8] u ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kondebituri huma dejjem salv stipolazzjoni kuntrarja, prezunti li obbligati *in solidum* ghall-obbligazzjoni u konsegwentement, kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghat-twettiq shih tal-istess obbligazzjoni. F'dan il-kaz, ftit hemm dubju li l-obbligazzjoni kuntrattata mas-socjeta` attrici hija wahda kummercjali ghall-fini tan-negozju bl-isem "Colours Stationery B'Kara" u ghalhekk il-konvenut ghandu jitqies li huwa solidalment responsabbli. Wara kollox, huwa ma ressaq ebda provi biex jikkontesta dawk migjuba mis-socjeta` attrici jew biex jikkonvicnu lill-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni differenti.

Din il-fehma hija ulterjorment rinforzata bil-fatt illi, skont kif jirrizulta mix-xhieda ta' Alan Schembri, kien il-<u>konvenut innifsu</u> illi fuq talba tas-socjeta` attrici irritorna xi merkanzija lura lis-socjeta` attrici u dan sabiex inaqqas mill-bilanc lilha dovut u ghalhekk il-Qorti tqis illi din tikkostitwixxi accettazzjoni da parti tal-konvenut tar-responsabbilita` ghall-hlas tad-debitu lilha dovut.

[7] L-obbligazzjoni hija indiviżibbli jekk, għalkemm il-ħaġa jew il-fatt illi jkunu l-oġġett tagħha minnhom infishom jinqasam, il-mod li bih dik il-haga jew dak il-fatt kienu tqiesu fl-obbligazzjoni ma jkunx jippermetti li l-esekuzzjoni ssir in parti.

[8] L-Artikolu 5 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi illi: *"Huma atti tal-kummerċ - … (a) ix-xiri ta' ħwejjeġ mobbli sabiex jerġgħu jinbiegħu (e) kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom;…"*

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut David Lauri ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef, tmien mija u sbatax-il Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,817.23) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-imghax kif mitlub mill-istess socjeta` attrici.**

**L-ispejjez kollha ibatihom il-konvenut.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**